MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 1266/2001/1

Carmel Cutajar
vs
Kummissarju tal-Pulizija u Chairman Awtorita` tat-Trasport Pubbliku u b'digriet tal-15 ta' Mejju 2002 giet kjamata fir-rikors l-Awtorita` Marittima ta' Malta

It-Tribunal,

**CITAZZJONI:**
Ra c-citazzjoni li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi b'decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tal-15 ta' Marzu 2001 fir-rikors 623/1997 fl-ismijiet "Carmel Cutajar vs Kummissarju tal-Pulizija et" sab li l-ilment ta' Carmel Cutajar mhux gustifikat.

Premess illi din id-decizjoni giet ibbazata fuq il-parti tas-sentenza fejn intqal hekk:

*"ir-rikorrent lanqas ma ta dettalji ohra bhad-data preciza ta' l-applikazzjoni, jew xi referenza, jew produca xi xhud*

*iehor jew surveyor. Ghalhekk fuq dan l-aspett il-provi tar-rikorrent li saret applikazzjoni originarjament huma ferm batuti."*

Premess illi fil-kors tal-proceduri in segwitu ghar-rikors bin-Nru. 21.97 fl-ismijiet "Joseph u Possedeo ahwa Sciberras u Josephine armla ta' Saviour Sciberras vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u Chairman ta' l-Awtorita` ghat-Traspost Pubbliku" gew esebiti partijiet minn registru li kien juri whud minn dawk li kienu applikaw tul is-snin sabiex jinghataw permess f'Wied iz-Zurrieq.

Premess illi waqt is-smiegh tar-rikors mertu ta' din ir-ritrattazzjoni, Christopher Sammut xehed illi:

"Nghid li jiena ma nista' naghti l-ebda informazzjoni dwar dawn il-kazijiet ta' Carmel D'Amato ………………. Nghid li ma sibt xejn dwar dan. Jiena m'inhix f' pozizzjoni li naghti ebda informazzjoni. Nghid li ppruvajt nivverifika u ppruvajt infittex records dwar dan izda ma sibt xejn ….."

Premess illi jekk ghall xi raguni mhux maghrufa r-registru li gie prodott fil-kawza fl-ismijiet "Joseph u Possedeo ahwa Sciberras u Josephine armla ta' Saviour Sciberras vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u Chairman ta' l-Awtorita` ghat-Trasport Pubbliku", ma nstabx meta kien tant necessarju fil-kawza mertu ta' din ir-ritrattazzjoni, ghal dan il-fatt ma kienx jahti l-attur.

Premess illi d-decizjoni li minnha ntalbet ritrattazzjoni giet ibbazata fuq fatt u cioe` nuqqas ta' provi ta' l-applikazzjoni tar-rikorrent, li ma jirrizultax meta l-attur ma kien jahti xejn ghan-nuqqas ta' l-esebizzjoni tar-registri jew registru u dan l-aspett kien wiehed determinanti ghas-sentenza u ghalhekk l-attur kien intitolat jitlob li l-kaz jigi ritrattat a tenut ta' l-Artikolu 811(L) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex it-Tribunal m'ghandux:

1) Ihassar u jirrevoka d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji tal-15 ta' Marzu 2001

fir-rikors 623/97 fl-ismijiet “Carmel Cutajar vs Kummissarju tal-Pulizija et”, u dan billi din id-decizjoni tmur kontra d-dispozizzjoni ta’ l-Artikolu 811 (L) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2) Tordna li r-rikors jigi trattat mill-gdid u dan taht dawk il-provvidimenti li jidhru xierqa u opportuni skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gew ingunti ghas-subizzjoni.

**ECCEZZJONIJIET:**

Nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta l-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku li biha eccepiet:

1. Illi l-ligi li waqqfet it-Tribunal sedenti ma tipprovdix ghal-procedura tar-ritrattazzjoni.

2. Illi f’kull kaz il-fatti lamentati mill-attur ma jaghtux lok skond il-Kodici tal-Procedura ghal ritrattazzjoni.

3. Illi anke jekk il-kaz jigi mismugh mill-gdid l-Awtorita` tirrepeti l-eccezzjonijiet li kienet intavolat meta gie propost ir-rikors promotur, senjatament li l-istess Awtorita` ma ikkomettiet ebda ingustizzja ghaliex ma kenitx tezisti fiz-zmien in kwistjoni u fil-prezent mhux fizikament possibbli li jinhargu permessi godda kif qed jitlob l-attur.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-Awtorita` konvenuta.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok it-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi ma jissistux l-elementi ta’ l-Artikolu tal-811 (L) tal-Kap 12 u l-azzjoni tfalli anke bl-operat tal-provisto tal-istess artikolu stante li t-Tribunal fl-ewwel istanza ezamina l-fatti u l-provi bir-reqqa u wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, mill-fatti msemmija fil-premessi tac-citazzjoni ma jidher assolutament xejn li jiggustifika t-talba ghall-ritrattazzjoni u qed jibbaza tieghu biss fuq l-allegat nuqqas ta' provi.

Dan m' huwiex kaz ta' ritrattazzjoni izda hija sempliciment kwistjoni ta' konsiderazzjonijiet tal-fatti mressqa quddiem it-Tribunal meta giet mitluba biex tiddeciedi fl-ewwel istanza. Certament m'huwiex sufficjenti sabiex jiggustifikaw kaz ta' ritrattazzjoni.

Illi inoltre jirrizulta fir-rigward tar-rikorrent flimkien ma' zewg rikorrenti ohra ma kienx hemm provi li huma kienu applikaw ghall-permess de quo. Sahansitra meta kien gie mahtur surveyor ir-rikorrent ma kienx wiehed minn dawk il-persuni li gie mitlub biex jaghmel survey tal-boat tieghu. Gie rilevat ukoll illi r-rikorrent huwa registrat bhala full time fisherman u di fatti l-boat tieghu hija bl-ittra 'F'.

Ra l-lista tax-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi l-kaz odjern huwa wiehed ta' ritrattazzjoni u bazat fuq l-Artikolu 811(l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz taghha r-rikorrent qieghed jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka d-decizjoni moghtija minnu fil-15 ta' Marzu 2001 fir-rikors 623/97 fl-ismijiet Carmel Cutajar vs Kummissarju tal-Pulizija et, u li l-istess Tribunal jordna li r-rikors jigi trattat mill-gdid. Illi apparti mill-provi mressqa hu obbligatorju fuq dan it-Tribunal li jsegwi d-dispost ta' dak li jghid l-imsemmi artikolu 811(l) tal-Kap 12. Ghalhekk biex tista' tigi milqugha l-ewwel talba tar-rikorrent hu essenzjali li jigi sodisfatt li s-sentenza tal-15 ta' Marzu 2001 kienet "effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-

kawza … li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat li jkun gie deciz bis-sentenza".

F' dan l-istadju t-Tribunal sejjer jaghmel referenza ghall-gurisprudenza tal-Qrati Maltin u senjatament ghall-kawza Dr. Austin Bencini noe vs Dr. Remigio Zammit Pace noe Qorti tal-Appell Civili Superjuri deciza fl-20 ta' Frar 1996 fejn intqal: "l-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-koncett bil-massima "res judicata pro veritate habertur". F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza ghas-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXV-I-137 fejn tant tajjeb gie sottolinejat li r-rimedju tar-ritrattazzjoni:

"non si da' per qualunque caso di vera o supposta ingiustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge dovendo in ogni altro caso prevalere la stabbilita` del giudicato che sola puo' mettere fine alle liti, poiche' l'autorita` della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile"

Minn dak li ntqal sa issa titnissel il-konsegwenza logika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Kollez. Vol. XXVII-I-818). Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza, u b'hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza (Kollez. Vol. XLII-I-227) haga li mhix permessa mil-ligi."

Ukoll fil-kawza deciza fil-31 ta' Mejju 1996 mill-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet Tabone Adami Maria pro et noe vs Cachia Joseph Not pro et noe gie ritenut li: Il-procedura ghar-ritrattazzjoni hija eccezzjoni ghar-regola "res judicata

pro veritate habetur", u konsegwentement il-provvedimenti relattivi ghandhom jigu nterpretati b'mod restrittiv. Biex ikun hemm ritrattazzjoni a tenur tal-artikolu 811 (e) irid jigi ppruvat illi l-Qorti applikat il-ligi hazina u mhux li applikat il-ligi tajba b'mod hazin. Biex tapplika l-artikolu 811 (i) irid ikun hemm decizjoni konfliggenti fil-parti gudizzjarja tas-sentenza u mhux fil-parti fejn jinghataw il-motivi.

Ukoll fil-kawza deciza fit-3 ta' Lulju 1995 mill-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet Caruana C vs Gauci G kien gie ritenut li: Biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi jew le, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid, u lanqas jistghu jigu valutati jew interpretati mod iehor ghajr kif gew valutati u interpretati fis-sentenza li tkun qed tigi attakkata. Ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, abbazi tal-fatti kif jirrizultaw pruvati, il-Qorti tkun applikat dispozizzjoni tal-ligi minflok disposizzjoni ohra li suppost kellha tigi applikata.

Ukoll gie deciz fil-kawza Dalli Fedele vs Coronato Sare` deciza fl-20 ta' Frar 1996 mill-Appell Civili Superjuri li: "Fis-sistema legali Malti ma hemmx Qorti tat-Tielet istanza, u biex issir ritrattazzjoni iridu jkun hemm ragunijiet ghal rimedji straordinarji moghtija mill-ligi biex jirrimedjaw kazijiet ta' ingustizja, u ghalhekk dan ir-rimedju ma ghandux ikun abbuzat."

Jinghad ukoll li fil-kawza deciza fit-13 ta' Gunju 1995 mill-Appell Civili Superjuri - Agius I vs Bugeja G et, il-Qorti tal-Appell qalet li: "Bir-ritrattazzjoni ma jistax il-litigant jaghmel tribunal tat-tielet istanza. Biex ikun hemm lok (ghal ritrattazzjoni) fuq il-motiv tal-kontradizzjoni fis-sentenza hemm bzonn li tkun kontradizzjoni bejn id-diversi disposizzjonijiet kontenuti fis-sentenza u mhux bejn id-disposizzjonijiet u l-fatti li jirrizultaw mill-process (XXIX-I-795). Ara wkoll XXIV-I-137. Dwar 12-811(1) ara XXV-I-140. L-izball irid ikun "un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione". Ara wkoll XXVII-I-434 I XXIV-I-609, XLI-I-47.

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri fis-7 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet Mark Causon vs Carmel Portelli gie

deciz li: "Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn il-kontendenti u dan independtement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew il-gustizzja. Il-Guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritate habetur. Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombrenti jkun jista' jerga' jiftah il-kawza u hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza, haga li mhix permessa bil-ligi."

Fil-kawza riportata fil-Vol XXV11 p 1 p 433 fl-ismijiet G. Vella Zarb vs A. Bartolo 3/2/1930 il-Qorti qalet:

"L'errore di fatto, perche' possa aprire l'adito alla ritrattazione, deve risultare dagli atti e dai documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto della dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti, e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e' stato appreso dal giudicante, perche' l'apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindiacabile convincimento del giudice. L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di causalita' collo decisione ed e' necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata."

Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet Rev. Sac. Don. G. Aquilina vs F.Aquilina tal 18 ta' April 1958 Vol XL11 p 227 jinghad:

"Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta' interpretarzzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il litigant sokkombent ikun jista' jerga jiftah ilkawza, u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza".

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet Karmenu Mifsud Bonnici vs John Scicluna noe deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri Civili fis-26 ta’ April, 1993 [volum Vol LXXV11 p1 p 276] insibu:

“L-istitut ta' ritrattazzjoni, huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizazzjoni ta' l-ordni giudizzjarju fl-istruttura taghna hija ta' zewg gradi - prim' istanza u appell - mentri rritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima ntiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, **basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunu dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni.”**

Fil-kawza fl-ismijiet John Zammit et vs Michael Zammit Tabona pro et noe deciza fit- 22 ta’ Jannar, 2001 qalet:

1. “Secondo questa disposizione l’errore che puo’ costituire motivo di ritrattazione deve essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione” (Vol. XXV, P.I, P.140).

2. “Come venne ritenuto da questa Corte il 17 Novembre, 1920, in re “Gauci vs Fenech” (Collez. Vol. XXIV-I-609), l’errore di fatto perche’ possa aprire l’adito alla ritrattazione deve risultare dagli atti e dai documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti, e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e’
stato appreso dal giudicante. Perche’ l’apprezzamento e l’interpretazione del fatto costituiscono l’insindacabile convincimento del giudice. L’errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita’ colla decisione, ed e’ necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata”. (Vol. XXVII-I-434)

3. “Jekk l-izball akkampat bhala motiv ghar-ritrattazzjoni kien punt ta’ kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni

mpunjata, mhix ammessa r-ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni". (Vol. XLI-I-47)

4. "Evidentement, ir-ritrattandi ma jaqblux ma' l-apprezzament u ma' l-interpretazzjoni li tinsab fis-sentenza appellata …………………………..Pero', din ic-cirkostanza ma taghtix lir-ritrattandi d-dritt li jimpunjaw is-sentenza fuq il-bazi tas-subinciz (l) ta' l-artikolu 811, billi l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti tal-kawza ma humiex sindakabbli u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni". (Isidoro Agius vs Guseppi Bugeja et, deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Gunju, 1995)

5. "Illi skond id-disposizzjoni tal-ligi citata, kawza tista' tigi ritrattata "jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-attijiet jew mid-dokumenti tal-kawza. U skond dak li jinghad fit-tieni paragrafu ta' dak l-inciz, jitqies li hemm dan l-izball fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun, bla ebda dubju, eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita' tieghu tkun stabbilita posittivament, basta li, fil-kaz 'il wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz fis-sentenza". Gie invarjabbilment deciz minn Qorti Suprema taghna li l-izball ta' fatt li jaghti s-sostratt ta' ritrattazzjoni ghandu jkun materjali u tali li minhabba mera inavvertenza ikun induca lill-gudikant jissoponi fatt inkontrastabbilment eskluz jew jissopponi inesistenti fatt pozittivament stabbilit. Il-ligi li tirrikjedi li zball li jirrizulta minn atti jew minn dokumenti tal-kawza, tissopponi li gudikant ghal inavvertenza materjali ma jkunx ikkonsultahom.
Mortara, a proposito, jispjega ruhu hekk:

"Come e' definito dalla legge l'errore di fatto e' un vero erroro di sensi, il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste od ha fondato la sua convinzione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato fl'occhi del corpo e dell'intelletto sulle carte del processo" (Vol. IV p.504).

Illi mill-ezami ta' l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi, jirrizulta li biex l-izball ta' fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni tas-sentenza jehtieg, kif jikteb Mattirolo (Vol. IV, p.825):-

1. Illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;

2. Illi l-izball jirrizulta mill-atti u minn dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball;

3. Illi l-istess zball ikun manifest. Tali cioe', li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;

4. Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza, u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk dina, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata;

5. Illi l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta' kontroversja, jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat". (Libell ta' Gaetano Mifsud vs Gaetano Zahra deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Gunju, 1954)."

Dan kollu jwassal biex jinghad li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa certament wiehed straordinarju u ghandu jinghata biss eccezzjonalment meta jigi osservat xi wiehed mid-disposti tal-ligi. Ic-citazzjoni odjerna hi bazata fuq l-Artikolu 811 (l) u ghalhekk irid jirrizulta zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Dan l-izball certament ma jirrizultax ghax fil-fatt li gara hu li wara li giet deciza l-kawza originali ir-rikorrent (attur) skopra cirkostanzi godda u dak li ma ghamilx fil-kawza originali ried taht il-pretest tal-kuncett tar-ritrattazzjoni jerga' jiftah il-kawza. Dan mhux skond dak li jipprovdi l-artikolu 811 tal-Kap 12 ghax

infatti ma kien hemm ebda zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza kif jitlob l-artikolu 811 (l) li fuqu hija bbazata l-kawza.  Kif jissemma fil-kawza Mifsud Bonnici vs Scicluna kwotata hawn fuq “basta li f’ ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunu dovuti ghan-negligenza procedurali ta’ min jitlob ir-ritrattazzjoni.”  Kif jghid il-Mattirolo Vol IV pagna 825 l-izball jirrizulta mill-atti u minn dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta’ atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta’ l-izball. Fil-kaz in kwistjoni kien jinkombi li matul ir-rikors originali ir-rikorrent (attur) jaghmel il-provi kollha necessarji, haga li ma ghamilx, u li certament ghalhekk ma jistax jigi applikat l-artikolu 811 (l).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi li prevja li jilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku u l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija jichad it-talbiet tal-attur Carmel Cutajar.

Spejjez kontra l-attur ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------